MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 4(2013), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar l-Erbgha 20 ta' Marzu 2013, fil-4:30 p.m.

1. **Preżenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Edric Micallef (E.M.) |
| Viċi-Sindku | Carmelo Bugeja (C.B.) |
| Kunsilliera | Steven Grech (S.G.) |
| | AngeloMicallef (A.M.) |
| | Stephen Caruana (S.C.) |

**Segretarju Eżekuttiv** Duncan Hall (D.H.)

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *Arisings* mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Korrispondenza
5. Masterplan – Xatti is-Sajjieda
6. Devoluzzjoni ta' proprjeta' fi Triq l-Arznell
7. Approvazzjoni ta' ħlasijiet
8. Affarijiet oħra

**Talba**

Is-Sur Angelo Micallef flimkien ma' dawk preżenti qal it-talba.

**1. Qari tal-Minuti**

1.1 Kopja tal-Minuti tas-Seduti preċedenti (Seduti Numru 2(2013) u 3(2013) )kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-Minuti ittieħdu bħala moqrija

1.2 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Angelo Micallef issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja unanimament approva il-minuti bħala dokument korrett.

**2 Arisings mill-Minuti**

2.1 Is-Sindku qal illi dwar item 8 ta' l-agenda xtaq illi b'xi mod jigi modifikat il-mod li permezz tieghu jigu assenjati l-posti ghal Jum San Girgor. Dan peress illi kienu qieghdin jinholqu

cirkostanzi fejn il-bejjiegha jibdew izommu l-kju minn hinijiet twal qabel il-ftuh ta' l-applikazzjonijiet ghall-permessi. Sahansitra kien gie nnotat illi ghall-permessi ta' San Girgor 2013 kien hemm bejjiegha li bdew izommu l-kju sa' minn gurnata qabel. E.M. qal illi fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu jadotta sistema li permezz taghha l-bejjiegha jinghataw l-opportunita' illi jesprimu l-interess taghhom sabiex joperaw f'Jum San Girgor. Il-Kunsill Lokali min-naha tiehu imbaghad itella' bil-polza il-posti u l-bejjiegha jinghataw l-opportunita' li jaghzlu posta minn dawk li jkunu vakanti.
Wara diskussjoni libera dwar din it-tema kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jadotta sistema simili ghal dik li kien ippropona is-Sur Micallef fl-okkazjoni ta' Jum San Girgor ghas-snin futuri.

## 3 <u>Komunikazzjonijiet tas-Sindku</u>

3.1 Is-Sindku qal illi nhar it-Tlieta 19 ta' Marzu 2013 kien attenda laqgha mtella mill-MCVS gewwa s-sala ta' l-iskola primarja. Is-Sur Micallef qal waqt il-laqgha rapprezentanti minn MVCS infurmaw lil dawk prezenti b'diversi inizjativi illi din l-organizzazzjoni kienet ser tkun qieghda toffri lil ghaqdiet mhux governattivi. Fost l-ohrajn MCVS kienet ser tkun qieghda tniehdi diversi skemi li permezz taghhom l-ghaqdiet mhux governattivi setghu jibbenefikaw minn finanzjamenti sa massimu ta' €3000.

3.2 Is-Sur Edric Micallef qal wara li kienu saru l-Elezzjonijiet Generali kien inhatar kabinett gdid. Dan kien ifisser illi inizjativi u progetti li l-Kunsill Lokali kellu ma' l-amministrazzjoni precedenti kienu ser jitwaqqfu. Ghal dan il-ghan, is-Sur Micallef qal illi huwa kien ta' l-opinjoni illi l-Kunsill Lokali jzomm laqghat ma' Ministri u Segretarji Parlamentari sabiex jigi zgurat illi ma jkunx hemm telf ta' zmien f'dan ir-rigward.

## 4 <u>Korrispondenza</u>

4.1 Permezz ta' e-mail datat 13 ta' Marzu 2013, is-Sinjura/ina Ellis McCollough minn ADI-associates infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' progett li kien qiegħed jiġi implimentat b'konnessjoni ma' siti li jaqghu taħt Natura 2000 u r-riserva tal-Ballut kien qiegħed jiġi propost li ssir laqgha gewwa l-lokalita' u l-Kunsill Lokali gie mitlub jidentifika gurnata ghal din il-laqgħa. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż illi l-laqgħa għandha tinżamm ġewwa s-sala tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 1 ta' April 2013 bejn il-5:00p.m. u s-7:00p.m.

4.2 Permezz ta' e-mail datat 14 ta' Marzu 2013, is-Sa. Sasha Miceli Demajo mill-Kumpanija GSK tablet lill-Kunsill Lokali permess sabiex rapprezentanti tal-istess kumpanija ikunu jistgħu iżuru s-suq fil-beraħ ta' nhar ta' Ħadd bil-għan illi jippromwovu prodotti ta' l-istess kumpanija. Is-Sa. Miceli qalet illi GSK xtaqet illi dawn ir-rapprezentanti jkunu preżenti għal żewġ ħdud. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oġġezzjoni għat-talba ta' GSK.

4.3 Permezz ta' ittra datata 5 ta' Marzu 2013, Fr.Mario Mangion informa lill-Kunsill Lokali illi b'kollaborazzjoni ma' diversi għaqdiet kien ser jitella' musical dwar il-bidu tal-pellegrinagg tat-8 ta' Mejju u r-rabta ta' dan il-pellegrinaġġ mal-lokalita'. Fr.Mangion żied jgħid illi l-musical kien ser jittella' fl-okkazjoni tal-ħamsin anniversarju ta' l-istess pellegrinaġġ u talab lill-Kunsill Lokali għajnuna finanzjarja sabiex ikun jista' jittella' l-musical.
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsilliera preżenti kif minħabba kwistjonijiet legali, il-Kunsill Lokali ma seta' jagħti ebda tip ta' donazzjoni. Is-Sur Edric Micallef saħaq illi ġaladarba l-Kunsill Lokali ma setax jagħti donazzjonijiet, dan ma kellux iseħħ. Madanakollu, fl-opinjoni tiegħu l-attivita' kienet waħda tajba ħafna u kemm il-darba ikun

possibbli l-Kunsill Lokali kellu jidħol f'kollaborazzjoni ma' għaqdiet involuti sabiex ikun parteċipi fil-*musical*.
Wara diskussjoni libera dwar din it-tema, kien hemm qbil unanimu illi kemm il-darba ikun possibbli, il-Kunsill Lokali jipparteċipa fil-musical. Is-Sur Edric Micallef ressaq proposta sabiex kemm il-darba il-Kunsill Lokal jiġi aċċettat bħala imsieħeb fl-organizzazzjoni ta' l-attivita' l-kontribut finanzjarju tal-Kunsill Lokai b'risq l-attivita' ma' jeċċedix il-mitejn ewro. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Steven Grech u għaddiet b'votazzjoni ta' erba' favur u vot wieħed kontra.

4.4 Permezz ta' ittra datata 28 ta' Frar 2013, il-Malta Cometition and Consumer Affairs Authority infurmat lill-Kunsill Lokali illi bejn Marzu u Diċembru 2013 l-istess MCCAA kienet ser tkun qiegħda twettaq spezzjonijiet tal-*playing fields* ta' madwar Malta inkluż dawk ta' Marsaxlokk. Dan bil-għan illi ssir klassifikazzjoni ta' l-istess playing fields.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rappreżentant ta' MCCAA kien għamel kuntatt miegħu sabiex isir il-kordinament ta' l-ispezzjonijiet. D.H. informa lill-Kunsill Lokal illi peress illi fil-passat il-Kunsill Lokali kien għażel lis-Sur Edric Micallef bħala rappreżentant għall-MCCAA, huwa kien informa lill-istess MCCAA sabiex jagħmlu kuntatt mas-Sur Micallef.

4.5 Ittra mingħand is-Sinjura/ina Josephine Miacllef li permezz tagħha l-Kunsill ġie infurmat bi problemi li kienu inħolqu fi Triq il-Port Ruman b'marki tal-karreġġjata li kienu saru matul l-2013. Is-Sinjura/ina Micallef qalet illi *double yellow line* li kien inżebagħ quddiem ir-residenza tagħha seta' faċilment sar man-anħa opposta tat-triq u kienu jiġu evitati diversi problemi.

Kien hemm diskussjoni libera li matulha kien hemm qbil unanimu illi d-double yellow line imsemmi kien sar fuq struzzjonijiet ta' Transport Malta u għaldaqstant kien impossibbli illi jitneħħa. Finalment ġie propost illi kemm il-darba ikun possibbli l-istess *double yellow* line jitqassar b'madwar nofs metru sabiex ikun jista' jiġi riżolt parti mill-ikonvenjent tas-Sinjura/ina Micallef.

4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill Lokali kien irċieva tliet talbiet bil-miktub mingħand sidien ta' dgħajjes li talbu lill-Kunsill Lokali permess sabiex ikunu jistgħu jtellgħu id-dgħajjes tagħhom fuq l-art fiż-żona tal-magħluq għal xogħolijiet ta' manutenzjoni. Huwa żied jgħid illi dawn kienu is-Sur Wayne Schembri li talab li jtella' d-dgħajsa tiegħu bl-isem ta' *Christabelle* bejn il-11 ta' Marzu u l-15 ta' April 2013, is-Sur Adrian Abela li talab li jtella' d-dgħajsa tiegħu bl-isem ta' *Cigale de Mere* bejn l-1 ta' Marzu u t-30 ta' April 2013 u s-Sur Charles li kien talab li jtella d-dgħajsa tiegħu bl-isem ta' *Maria Dolores II* bejn l-1 ta' Marzu u l-1 ta' April 2013.

Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma' kellu jsib ebda oġġezzjoni għal dawn it-talbiet. Madanakollu, is-sidien tad-dgħajjes kellhom jiġu infurmati illi l-permessi rispettivi kienu qiegħdin jinħarġu b'kundizzjoni illi d-dgħajjes jitneħħew minn fuq l-art sa' tmiem April 2013.

4.7 Permezz ta' e-mail datat 20 ta' Marzu 2013, Marthese Baldacchino f'isem l-Awtorita' Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-fondi għall-lokalita' ta' Marsaxlokk taħt l-iskema Urban Improvement Funds kienu jammontaw għal €97 809.17 sal-aħħar ta' Frar 2013.

5 **<u>Masterplan –Xatt is-Sajjieda.</u>**

5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil dawk preżenti illi l-Kunsill Lokali kien irċieva mingħand l-Awtorita' Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar pjanti ġodda għall-Masterplan ta' Xatt is-Sajjieda (PA/0577/12). Il-Kunsill Lokali kien qiegħed jingħata tletin ġurnata ċans sabiex iressaq il-kummenti/oġġezzjonijiet tiegħu rigward il-proposti l-ġodda.
Wara li ġew murija l-pjanti l-ġodda u saru l-evalwazzjonijiet neċessarji is-Sur Edric Micallef qal illi fl-opinjoni tiegħu filwaqt li kellu jressaq il-kunsiderazzjonijiet li diġa kienu ġew sottomessi lill-istess MEPA bħala kummenti għall-ewwel abbozz tal-pjanti, il-Kunsill Lokali kellu jżid numru ta' kunsiderazzjonijiet oħra ewlenin fosthom modifiki fi Pjazza Madonna ta' Pompei. Is-Sur Carmelo Bugeja ressaq proposta sabiex il-Kunsill Lokali jibgħat lill-MEPA l-kunsiderazzjonijiet tiegħu hekk kif proposti mis-Sur Edric Micallef. Is-Sur Angelo Micallef issekonda din il-proposta li għaddiet b'mod unanimu.

6 **<u>Devoluzzjoni ta' Proprjeta' fi Triq l-Arżnell</u>**

6.1 Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi minn informazzjoni li kellu proprjeta' li fil-passat kienet tintuża mill-*Cleansing Services Department* kienet vakanti għaliex l-istess Dipartiment ma' kellux bżonnha. Is-Sur Bugeja żied jgħid illi fl-opinjoni tiegħu il-Kunsill Lokali kellu jevalwa l-possibilita' illi japplika għad-devoluzzjoni ta' l-istess proprejta' peress illi setgħet tintuża bħala *store* għall-materjal. Is-Sur Bugeja żied jgħid illi s-sit in-kwistjoni kien idejali għal dan l-użu peress illi kien viċin tal-binja tal-Kunsill Lokali u f'żona pjuttost ċentrali.
Wara diskussjoni qasira dwar din it-tema kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu japplika għad-devoluzzjoni tal-proprjeta'

7 **<u>Approvazzjoni ta' ħlasijiet</u>**

8.1 Fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja u li ġiet issekondata mis-Sur Stephen Caruana il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti li huma nklużi fl-Iskeda ta' Pagamenti (Skeda Nru 03/13) li hi annessa ma' u li tifforma parti minn dawn il-Minuti

8 **<u>Affarijiet oħra</u>**

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera preżenti illi flimkien mas-Sur Brian Farrugia kien wasal sabiex jikkonkludi l-applikazzjoni għall-proġett li kien jaqa' taħt il-kappa ta' l-Unjoni Ewropeja u li dwaru kien hemm qbil f'laqgħat preċedenti. Is-S.E. żied jgħid illi l-Kunsill Lokali kien ser japplika taħt l-iskema GRUNDTVIG li kienet tagħlaq nhar il-Hamis 28 ta' Marzu 2013.

8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wara li f'laqgħa li kienet inżammet f'Diċembru l-Kunsilliera kienu approvaw illi xi siegħat ta' *vacation leave* mhux utilizzati matul l-2012 jiġu miżjuda mal-*vacation leave* tal-2013. D.H. żied jgħid illi huwa kien talab lill-Kunsilliera sabiex jiżdiedu 40 siegħa leave ma' dak ta' l-2013 meta l-leave mhux utilizzat matul l-2012 kien jammonta għal 120 siegħa. Is-S.E. talab lill-Kunsilliera preżenti jevalwaw il-possibilita' illi mal-*vacation leave* tal-2013 jiżdiedu 120 siegħa. Is-Sur Stephen Caruana ressaq proposta sabiex mal-vacation leave tas-sena 2013 tas-S.E. jiżdiedu l-120 mhux utilizzati matul ll-2012. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja u għaddiet b'votazzjoni unanima.

8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien ġie avviċinat mis-sid ta' l-istabbilimenti Duncan's li jinstab fi Pjazza Madonna ta' Pompei li kien talab lill-Kunsill Lokali jevlawa l-possibilita' illi jinħariġlu permess sabiex ikun jista' jbiegħ xi dvd's minn fuq mejda fi Triq Duncan għal Jum San Girgor.

Wara li ġiet evalwata din it-talba u ġie stabbilit illi t-triq in-kwistjoni tkun magħluqa għat-traffiku f'Jum San Girgor, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill ma' kellux isib oġġezzjoni għal din it-talba sakemm isir il-ħlas dovut għall-permess neċessarju.

8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi flimkien ma' rappreżentanti ta' l-MTA u l-korp tal-pulizija kienu mexjin sewwa t-tħejjijiet għall-*Malta International Fireworks Festival* li parti minnu kienet ser tittella' ġewwa l-lokalita' nhar il-Ġimgħa 26 ta' April 2013. D.H. żied jgħid illi kienu qiegħdin jinżammu laqgħat regolari sabiex ikun żgurat illi l-attivita' tiġi mtella' bl-aħjar mod possibbli.

8.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kie jinħtieġ illi l-Kunsill jibda' jipprepara għal Jum Marsaxlokk. Is-Sindku qal illi f'dan ir-rigward huwa kien ta' l-opinjoni illi l-Kunsill Lokali kellu jistieden lill-għaqdiet tal-lokalita' sabiex jinnominaw individwi li fl-opinjoni tagħhom kien ħaqqhom ġieħ. Il-Kunsill lokali imbagħad kellu jaħtar bord indipendenti sabiex jevalwa l-proposti li jkunu waslu. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill lokali kelli jadotta s-sistema proposta mis-Sur Micallef u jistieden lill-Kunsilli Lokali ta' Birżebbuga, Zejtun, Marsascala, Ghaxaq u Gudja sabiex jinnominaw rappreżentant ħalli jiġi maħtur bord ta' evalwazzjoni.

Ġie deċiż ukoll illi hekk kif seħħ fil-passat għal Jum Marsaxlokk jinkrew is-servizzi tal-banda . Minħabba l-fatt illi kienet ser tittella' attivita' oħra jumejn qabel Jum Marsaxlokk pero', il-banda kellha tintalab topera fuq skala iżgħar minn dik tas-soltu. Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill Lokali kellu jevlawa l-possibilita' illi għal Jum Marsaxlokk jiġi mistiedna rappreżentanti tas-St.John Search & Rescue sabiex jagħmlu dimostrazzjonijiet tax-xogħol li jwettqu. Kien hemm qbil unanimu illi kellu jsir kuntatt mas-St.John Search & Rescue sabiex tiġi evalwata din il-possibilita'.;

Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsill Lokali kellu jipproponi illi s-Sibt 27 ta' April 2013 jittellgħu attivitajiet sportivi minn organizzazzjonijiet lokali. Minbarra li jkun qiegħed jippromwovi l-isports, dan jikkontribwixxi sabiex ġewwa l-lokalita' isir tmiem il-ġimgħa li jkun mimli attivitajiet. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jaħdem fuq il-proposta tas-Sur Grech.

8.6 Is-Segretarju Eżekuttiv gibed l-attenzjoni lill-Kunsilliera preżenti rigward is-sitwazzjoni tas-Suq fil-beraħ li jopera ġewwa l-lokalita' kull nhar ta' Hadd. Wara li ġew elenkati numru ta' problemi li kienu jeżstu, kien hemm diskussjoni libera dwar x'passi kellu jieħu l-Kunsill Lokali sabiex jitkompla l-proċess tar-rijorganizzazzjoni ta' l-istess Suq. Finalment, intleħaq qbil unanimu illi kellu jitqabbad perit sabiex isir *survey* u titħejja pjanta adegwata taż-żona ħalli jkun jista' jiġi stabbilit b'eżattezza kif setgħu jitqassmu l-posti.

8.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien jinħtieġ illi jinħatru bord ta' evalwazzjoni għal-sejħiet għall-offerti numru MXLC01/2013 ( Collection of mixed Household waste in an environmentally friendly manner) u MXLC02/2013 (Tender for upgrading and embellishment of play area at Il-Magħluq, Marsaxlokk).

Is-Sindku qal illi għal sejħa għall-offerti numru MXLC01/2013 fl-opinjoni tiegħu hekk kif seħħ fil-passat fl-opinjoni tiegħu minbarra l-Kunsilliera kollha, il-Kunsill Lokali kellu jaħtar lis-Sinjuri Angelo Baldacchino (Triq il-Felluka, Marsaxlokk) u Salvatore Attard Bezzina(Triq il-Port Ruman, Marsaxlokk). E.M. żied jgħid illi minbarra is-Sinjuri msemmija huwa kien qiegħed jipproponi illi s-Sinjura Evelyn Vassallo(Triq it-Torri Vendome, Marsaxlokk) wkoll tinħatar membru fil-bord imsemmi. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja u għaddiet b'votazzjoni unanima.

Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tiegħu rigward sejħa għall-offerti numru MXLC02/2013 fl-opinjoni tiegħu minbarra l-Kunsilliera kollha l-Kunsill Lokali kellu jaħtar lis-Sur Salvatore Bezzina u Angelo Baldacchino fuq il-bord ta' evalwazzjoni. Is-Sur Carmelo Bugeja issekonda din il-proposta li għaddiet b'votazzjoni unanima. E.M. qal illi fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsill Lokali kellu javviċina lill-Malta Playing Fields association sabiex din ta' l-aħħar tingħata l-opportunita' illi tinnomina rappreżentant tagħha fuq il-bord ta' evalwazzjoni. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali minbarra l-membri elenkati il-Perit William Lewis ukoll jinħatar bħala membri fuq il-bord ta' evalwazzjoni għas-sejħa msemmija.

Il-laqgħa spiċċat fit-7:30p.m. u ġiet aġġornata għal nhar

| | |
|---|---|
| **Edric Micallef** | **Duncan Hall** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Data :**